VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 425 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2018 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2018 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. (1) Ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2018 'il quddiem.

(2) Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu japplika għall-istudenti kollha rreġistrati fuq il-Kors minn Ottubru 2018 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Qabel ma jitħallew joqogħdu għal kwalunkwe eżami tas-Sena Finali (il-5 sena) tal-Kors, l-istudenti għandhom jippreżentaw ċertifikat lid-Dekan, iffirmat mill-kapijiet tad-dipartimenti konċernati, li juri li huma temmew b'mod sodisfaċenti l-iskeda tal-pjazzamenti kliniċi preskritti għall-Kors. Barra minn hekk, l-istudenti għandhom ukoll jipprovdu ċertifikat li juri li huma attendew mill-inqas 80% tax-"shadowing programme" (perijodu kif jista' jiġi definit minn żmien għal żmien mill-Fakultà, fejn l-istudenti tal-mediċina jkunu assenjati ma' tabib tal-Foundation

VERŻJONI ELETTRONIKA

Year u l-istudenti jkunu mistennija jippratikaw ħiliet kliniċi u amministrattivi taħt is-supervizjoni tiegħu/tagħha) sabiex ikunu eliġibbli biex joqogħdu għall-eżami tal-Essential Core Competences."

L-Emenda għar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"12. L-istudenti ma jitħallewx joqogħdu (bħala l-ewwel valutazzjoni jew il-valutazzjoni mill-ġdid) għal kwalunkwe eżami kliniku jew għall-Paediatrics Objective Structured Clinical Examination (OSCE) matul is-sessjoni ta' Settembru tas-Sena Finali (il-5 Sena) jekk ma jkunux attendew mill-inqas 80% mill-istudji addizzjonali li l-Bord tal-Eżaminaturi jista' jiddetermina f'kull każ."